**Laqgha Numru 05/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tal-Hames Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Gunju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit , il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li kienet indisposta.

Ta' min jinnota li s-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat fis-7.05 pm u l-Kunsillier Joe Brincat wasal fis-6.15 pm.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-5 ta' Gunju 2008. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2008.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2008.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Programm Jum Pembroke 2008.**
- **10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **11. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 04/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2008.

**46/1983/08/I** 29/04/2008 Ittra minghand il-Familja Busuttil li toqghod Triq il-Beatu Dun Gorg Preca fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jekk huwa possibbli ssir grada sabiex jinghalaq l-access tat-tarag li hemm ghall-garaxxijiet sabiex ma jkunx ta' periklu ghat-tfal li hemm fl-akwati.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2008 item 2.29, ghall-Minuti 03/K6/2008 item 8.98 u ghall-korrispondenza numru **46/1983/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li tigi ordnata din il-grada kif ukoll kien talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex jekk jafu b'xi haddied jitolbuh jikkomunika mal-Kunsill sabiex isir ix-xoghol li hemm bzonn, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li s'issa hadd ma kien baghat informazzjoni dwar haddieda sabiex jingabru kwotazzjonijiet minghandhom u ghalhekk ma setax jipprocedi bl-ordni tax-xoghol. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser isir sforz iehor sabiex jinsab haddied.

**46/2032/08/I** 02/05/2008 Ftehim propost minn Marianna Co. Ltd. dwar relazzjonijiet bejn Pembroke u bliet u organizzazzjonijiet fil-Bulgarija u traduzzjoni t'ittra minghand The People's Cultural Club Eldorod f'Sevlievo fejn stiednu lill-Kunsill fil-Bulgarija sabiex jigi ffirmat ftehim ta' Public – Private Partnership & Cooperation ma' l-istess ghaqda.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 04/K6/2008 item 2.30, ghall-Minuti 03/K6/2008 8.109 u ghall-korrispondenza numru **46/2032/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li qabel ma' l-Kunsill jikkometti ruhu ghandu jikkomunika ma' l-ghaqdiet sportivi w edukattivi fil-lokal u maghhom il-Kunsill jara x'hemm mitlub fil-programm, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ser ikunu qed jippreparaw l-ittra bl-informazzjoni kollha biex tintbaghat lil dawn l-ghaqdiet, is-Sindku Joe Zammit qal li ser jaghmel laqgha ma' Luxol Sports Club u Pemroke Athleta – Sezzjoni Atletika nhar il-Gimgha 20 ta' Gunju 2008.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 27/2008** rapport tal-laqgha li saret ma' l-Ispettur Trevor Micallef u s-Surgent Joseph Busuttil **(Ara Dokument A); Internal Memo 28/2008** rapport ta' l-intervisti tal-persuni l'applikaw ghall-post ta' skrivan **(Ara Dokument B); Internal Memo 29/2008** rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill **(Ara Dokument C); Internal Memo 30/2008** b'rapport tal-laqghat li saru bejn it-23 ta' Mejju u l-11 ta' Gunju 2008 **(Ara Dokument D)** u **Internal Memo 31/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 04/K6/2008 u laqgha riferenza 05/K6/2008 **(Ara Dokument E).**

3.02 B'riferenza ghall-Internal Memo 28/2008, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-ETC li l-ammont ta' persuni li attendew ghall-intervisti ghall-post ta' skrivan/a kienu ftit wisq u ghalhekk il-Kunsill ma wasalx ghall-konkluzjoni u jkun ghaqli li tintbaghat lista ohra.

3.03 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati fejn qal li fil-jiem li gejja ser jipprezenta rapport tal-Konferenza li attenda ta' l-ECAD fil-jiem li ghaddew. Il-kelliem qal li waqt din il-konferenza rega' tqajjem il-punt li jkun ghaqli li tigi organizzata Konferenza simili bit-titlu European Islands Against Drugs u ghalhekk qal li kien ser jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru u Ministru ghall-Gvern Lokali Dr. L. Gonzi dwar dan il-punt. Is-Sindku Joe Zammit qal li jkun ghaqli jekk din il-konferenza tigi organizzata s-sena li gejja sabiex tahbat mal-25 sena ta' meta Pembroke sar ufficjalment lokal. Il-kelliem qal ukoll li kien ser ikellem l-FTZ sabiex jara jekk hemmx xi fondi ta' l-EU ghal dan il-ghan.

4.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fil-laqgha li jmiss flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien ser iressaq rapport tal-mawra li ghamlu f'Roccalumera kif ukoll vis-a-vis il-programm li hemm il-hsieb li jsir f'Settembru bhala attivita' sportiva bhala parti mill-gemellagg.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-23 ta' Mejju u l-11 ta' Gunju 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2435/08/I** 22/05/2008 — E-mail minghand il-Perit tal-Kunsill dwar Triq Burma u l-problema li hemm fi Triq il-Kurunell L. Manche' kantuniera ma' Triq Gabriel Henin.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2435/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrakkomanda li l-Kunsill jaccetta din il-proposta tal-Perit u li jinkitbu l-ittri lill-ADT kif ukoll lill-FTS rigward il-hrug ghal Triq Gabriel Henin.

6.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit Kevin Fsadni kien diga gie mitlub jaghmel dan ghan-nom tal-Kunsill.

**46/2439/08/I** 23/05/2008 — Invoice minghand TCTC ghall-kors e-tfal.

6.04. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2439/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ihallas il-kont ghat-tqassim tal-leaflet.

6.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2441/08/I** 23/05/2008 — Ittra minghand il-Kullegg Santa Klara fejn infurmaw lill-Kunsill li filwaqt li laqghu t-talba tal-Kunsill sabiex isir uzu mill-facilitajiet tal-Kullegg, talbu li jkollhom aktar dettalji fosthom il-granet u l-hinijiet.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2441/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien tkellem mal-Head Coach ta' l-Atletika biex jinforma lill-Kunsill rigward il-hinijiet li ghandu bzonn halli wara l-Kunsill jinforma lill-Kullegg Santa Klara. Il-kelliem qal

ukoll li Pembroke Athleta kienu taw l-informazzjoni lill-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill ghandu jikteb ufficjalment lill-Kullegg Santa Klara.

**46/2444/08/I** 23/05/2008 E-mail minghand Roccalumera (rahal gemellat maghna) fejn infurmaw lill-Kunsill li lesti li jiltaqghu mal-Kunsill nhar il-31 ta' Mejju f'mawra li ser issir f'Roccalumera.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2444/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward din l-attivita' li taqa' taht attivitajiet u l-gemellagg il-Kunsill ser jircievi aktar taghrif mill-Kunsill ta' Roccalumera rigward il-tournament tal-football li ser isir bejn il-5 u t-8 ta' Settembru 2008.

**46/2449/08/I** 23/05/2008 Ittra minghand l-Ufficcju tal-Kummissjoni Ewropeja ghall-Malta fejn qed tinforma lill-Kunsill li harget sejha ghall-proposti bit-tema – Niddibattu l-Ewropa, liema proposti jaghlqu fit-30 ta' Gunju 2008.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2449/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li minhabba d-data ta' l-gheluq ta' dan il-programm hija vicin hafna, mhux possibbli li jsir x'intervent.

**46/2477/08/O** 27/05/2008 Ittra li l-Kunsill baghat lill-Onor. Ministru George Pullicino dwar il-problema ta' l-ilma tax-xita fi Triq Madre Margherita De Brincat, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' u Triq Dun Amabile Sisner.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2477/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2484/08/I** 27/05/2008 Stedina minghand il-Pembroke Athleta Football Nursery ghall-membri kollha tal-Kunsill sabiex jattendu ghal End of Season Presentation Night li ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Gunju 2008.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2484/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2490/08/I** 27/05/2008 Ittra minghand is-Sur Grazio Farrugia fejn qed jitlob li jsiru road markings fi Triq Pietru Darmenia kif ukoll li jsiru yellow lines quddiem id-drive tieghu sabiex ikun jista' jdahhal il-vettura tieghu.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2490/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsiru dawn il-linji kif mitlub.

6.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2491/08/I** 27/05/2008 Ittra minghand is-sur Grazio Farrugia jilmenta minn katusa li ma saritx sewwa meta saret il-bankina quddiemu mill-ADT fix-xhur li ghaddew.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2491/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir ducting/sprall mill-katusa ghal tarf il-bankina minflok li tinqala' u tinzel taht u b'hekk ikun hemm anqas xoghol u anqas spejjez.

6.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2508/08/I** 27/05/2008 Ittra minghand d-Dipartiment ghas-Sahha Ambjentali fejn infurmaw lill-

Kunsill li l-culvert ta' Triq Salvatore Castaldi ghadu mblukkat.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2508/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-problema hija li l-culvert jispicca f'nofs it-triq u ghalhekk dejjem ikun fih ftit ilma. Il-kelliem qal li fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien kellem lil tas-Sanita', li minnaha taghha ma riditx tifhem il-problema u baqghat tinsisti li x-xoghol ghandu jsir mill-Kunsill. L-istess persuna rrifjutat ukoll li tkellem lill-Perit Anton Camilleri li dak il-hin kien imisiefer.

**46/2521/08/I** 28/05/2008 Ittra minghand CAM Productions International (CPI) jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill ghall-maratona gbir ta' fondi li ssir kul sena bit-tema Ohloq Tbissima.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2521/08/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li dawn it-talbiet jitqassmu fid-djar halli l-Kunsill jigbor flejjes biex bhala Kunsill imorru nipprezentawhom ahna ghan-nom tar-residenti.

6.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill ma jistax jigbor flus izda l'aktar li jista' jaghmel huwa li jitlob lil rapprezentant ta' l-ghaqda jigi l-Kunsill u jkun huwa li jilqa' d-donazzjonijiet tar-residenti.

6.22. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-CPi b'din il-proposta u kemm il-darba jaccettaw il-Kunsill iqassam leaflet fid-djar sabiex ir-residenti jigu nfurmati. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jaghti donazzjoni ta' € 60.00.

6.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.25. Fis-6.15 pm il-Kunsillier Joe Brincat inghaqad fil-laqgha wara li skuza ruhu talli wasal tard minhabba li kellu funeral familjari.***

**46/2524/08/I** 28/05/2008 Kopja t'ittra li l-Kap ta' l-Iskola Sir Luigi Preziosi baghat lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar incident fejn studenta waqghet fuq siringa li kien hemm fil-vicinanza fil-post maghruf it-teatru u tnigzet biha.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2524/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2533/08/I** 29/05/2008 Rapport minghand il-Field Branch Services Unit b'rapport tal-knis tat-toroq u l-manutenzjon tat-toroq.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2533/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2536/08/I** 29/05/2008 Ittra minghand is-Sezzjoni ta' Kontra Droga fi hdan il-Korp tal-Pulizija jistaqu lill-Kunsill hemmx il-htiega li ssir laqgha fix-xhur ta' Gunju u Lulju.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2536/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha ssir il-laqgha ghax-xahar ta' Lulju.

6.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2549/08/I** 30/05/2008 Ittra minghand il-Kummissjoni Ewropea dwar Traineeships in the Council of the European Union.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2549/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2554/08/I** 30/05/2008 E-mail minghand is-Sur Steven Borg jilmenta li hemm persuna li qed tipparkja l-vettura taghha fil-komun tal-basement tal-garaxxijiet ta' taht Sit C u qed ikun ta' periklu kif ukoll t'inkonvenjent.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2554/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-istess informazzjoni bl-ittra li intbaghtet lir-residenti ta' Sit A ghandha tintbaghat lil dawn is-sinjuri ukoll. Il-kelliem ippropona wkoll li jigu ordnati 4 tabelli ta' No Parking sabiex jitwahhlu 2 f'Sit C u 2 f'Sit A.

6.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2568/058/I** 03/06/2008 Kopja t'ittra li l-Kunsill Lokali San Giljan baghat lill-Onor. Prim Ministru dwar il-konfini bejn iz-zewg lokalitajiet.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2568/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif ukoll li kopja taghha tintbaghat lir-residenti kollha ta' Pembroke kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel Press Conference fit-triq imsemmija kemm il-darba l-Kunsill jibqa' jigi njorat.

6.36. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2573/058/I** 03/06/2008 Ittra minghand Malta Judo Foundation jitolbu laqgha mal-Kunsill dwar il-progett li ghandhom – Judo as a Way of Life.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2573/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li ssir laqgha ma' din il-Fondazzjoni.

6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2576/08/I** 03/06/2008 **46/2679/08/I** 09/06/2008 E-mail minghand is-Sur John O'Dea bl-Agenda tal-laqgha tan-NHDJC.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2576/08/I u 46/2679/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien attenda ghal din il-laqgha fejn gie deciz biex il-Kunsilli membri jinghataw sa' l-20 ta' Gunju biex jinfurmaw lill-Kumitat Kongunt jekk hux ser jibqghu membri fejn B'Kara u Swieqi taw pre-avviz l'aktarx johorgu minn dan il-Kumitat bil-kundizzjoni li jaraw x'offerti jircievi l-Kumitat Kongunt. Il-kelliem qal ukoll li l-kuntratt kemm ghas-servizz ta' l-installazzjoni ta' dawl kif ukoll tas-Segretarju tal-Kumitat ser johorgu flimkien fl-20 ta' Settembru 2008. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jinforma lill-Kumitat Kongunt tan-NHDJC li qed jirriserva dritt li jirtira mill-Kumitat Kongunt wara li jinfethu l-offerti jekk jara li l-prezzijiet m'humiex accettabbli ghall-Kunsill.

6.42. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2578/058/I** 03/06/2008 E-mail minghand is-Silvio Frendo tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-lista tal-pajjizi u l-ammont rispettiv tas-subsistance allowance li l-membri tal-Kunsill huma ntitolati ghalih.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2578/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien talab kjarifika minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar liema kategorija jaqghu l-membri tal-Kunsill meta jsifru fuq xoghol tal-Kunsill. Il-kelliem qal li t-twegiba minghand is-Sur Silvio Frendo kienet li kollha jaqghu taht klassifika "A" u ghalhekk minn issa l-quddiem kull membru tal-Kunsill li jsiefer fuq xoghol tal-Kunsill jinghata flus min qabel skond din l-iskeda mahruga mill-OPM. Is-Sindku Joe Zammit talab sabiex tithalla kopja ta' dan id-dokument fil-Kunsill ghall-access tal-Kunsilliera kif ukoll li tingabar kjarifika ghall-item 8.7.1.6 dwar jekk din tapplikax ghall-membri tal-Kunsill.

6.45. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li item 8.7.1.6 ma kienx japplika ghall-Kunsill min informazzjoni li kellu minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/2579/058/I** 03/06/2008 **46/2657/08/1** 06/06/2008 E-mail minghand TCTC dwar kundizzjonijiet ghall-kors ta' e-tfal.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2579/08/I u 46/2657/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2582/058/I** 03/06/2008 E-mail minghand Marion Cachia fejn baghtet reminder ghat-talba taghha sabiex jithawwlu xi xitel fil-planters li hemm faccata ta' l-ITS madwar Sit B.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2582/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ser jerga' jmur mal-kuntrattur fuq il-post. Il-kelliem qal li l-Kunsill m'ghandux jinsa li dan mhux xoghol obbligatorju tal-Kuntrattur pero wara li kellmu l-Vici Sindku ser jaghmel intervent.

**46/2589/08/I** 04/06/2008 Kopja draft ta' l-Annual Audit Report tal-Kumitat ta' l-LES.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2589/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2590/08/I** 04/06/2008 Ittra minghand Dr. Lilian Cremona tinforma lill-Kunsill l'accetta li tinhatar librara wara l-intervisti li saru.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2590/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab li l-Kunsill ghandu jikteb lil din is-sinjura biex taghmel kuntatt malajr kemm jista' jkun mas-Sur Borg halli tiehu training biex il-librerija taghna tinfetah malajr.

6.50. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-tahrig kien inbeda fil-Librerija Pubblika tal-Furjana.

**46/2592/08/I** 04/06/2008 Bill of Quantities minghand il-Perit tal-Kunsill ghax-xoghol li hemm bzonn isir fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta skond il-fondi li l-Kunsill gie allokat mill-MEPA (UIF).

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2592/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li ser jiltaqa' mal-Perit fuq dan ix-xoghol biex jigi konkluz.

**46/2599/08/I** 04/06/2008 Ittra minghand Nature Trust fejn qed jitolbu l-kummenti tal-Kunsill dwar il-possibilita' li f'parti mill-park li qed jipproponu li jsir, ikun hemm lok ghal santwarju tal-klieb.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2599/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghall-proposta simili li jkun hawn santwarju tal-klieb fil-lokal.

6.54. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2615/08/I** 04/06/2008 Ittra minghand is-Sur Elfed Williams fejn qed jinforma lill-Kunsill li ghal Jum Pembroke l-Konslu Onorarju Ingliz ghal Wales jixtieq li jkun mistieden ghal Jum Pembroke.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2615/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg stedina ghal Jum Pembroke ghall-Konslu gdid ta' Wales ghal Malta.

6.57. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.59. Fis-7.05 is-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

6.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kompla jippresiedi l-laqgha.

**46/2618/08/I** 04/06/2008 Ittra minghand l-IPSL fejn qed jitolbu lis-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli Lokali sabiex iwaqqfu l-prattika li hemm f'xi Kunsilli Lokali fejn haddiema ta' l-IPSL qed jithallew jitilqu kmieni minn fuq il-post tax-xoghol.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2618/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2622/08/I** 04/06/2008 Kopja tal-ftehim li jsir mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici mal-librara.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2622/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li Dr. Lilian Cremona tinghata kopja biex tiffirmha.

6.63. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2626/08/I** 04/06/2008 **46/2668/08/I** 06/06/2008 Ittra minghand Gemma Debono mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn qed titlob spjegazzjoni minghand il-Kunsill dwar l-infieq li l-Kunsill qed jaghmel vis-à-vis l-immanigjar ta' l-iskejjel sportivi tal-Kunsill u l-involviment tal-klabb ta' Pembroke Athleta u diversi materji ohra.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2626/08/I u 416/2668/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Sindku Joe Zammit kien ser jirrispondi dawn l-ittri u qabel ma jintbaghtu ser jigu cirkulati lill-Kunsilliera kollha.

6.66. Fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta kopja ta' l-ittra li kien ipprepara s-Sindku Joe Zammit. **(Ara Dokument F )**

6.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat qalu li kienu jaqblu mal-kontenut filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava qal li minhabba li hafna mill-affarijiet kienu qed jirreferu ghall-operat tal-Kunsill precedenti huwa kien qed jastjeni.

**46/2635/08/I** 05/06/2008 Kwotazzjoni ta' € 13,018.41 minghand l-MSD ghal xoghol ta' railing tal-hadid ghal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2635/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera ukoll ghall-kwotazzjonijiet li hejja l-Perit ghal dan ix-xoghol. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona biex tinhareg l-ewwel bicca xoghol ghal sejha pubblika ta' xoghol ta' hadid biex il-prezzijiet jitqabbdu ma' ta' l-MSD.

6.69. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2637/08/I** 05/06/2008 Stqarrija ghall-istampa mill-MEPA fejn gew ippublikati s-suggerimenti ghar-Riforma.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2637/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2639/08/I** 05/06/2008 Ittra minghand is-Sur Maurizio Mamo rigward Yellow Lines quddiem il-garaxxijiet li hemm fil-basement ta' taht Sit B Triq Pietru Darmenia.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2639/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2641/08/I** 05/06/2008 Ittra minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li ebda Kunsill m'ghandu jidhol f'diskussjonijiet mal-kolletturi ta' l-iskart dwar zieda fit-tariffi tal-gbir ta' l-iskart vis-à-vis iz-zieda fil-prezz tad-diesel.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2641/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2644/08/I** 05/06/2008 Memo 12/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Hinijiet tax-Xoghol ta' l-Impjegati tal-Kunsill.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2644/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien diga baghat ir-risposta tieghu.

**46/2660/08/I** 05/06/2008 Ittra minghand Ms. Mariella Bugeja fejn qed titlob lill-Kunsill permess biex it-truppa ta' l-iscouts taghha jieqfu lejl wiehed fil-picnic area nhar il-5 ta' Lulju 2008.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2660/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.76. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2676/08/I** 09/06/2008 Ittra/dokument t'engagement agreement ta' l-iskrivana li ghandna mill-ETC b'self mal-Kunsill taht l-iskema JES.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2676/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2677/08/I** 09/06/2008 Ittra minghand Forum Malta fl-Ewropa rigward konferenza li ser issir fit-18 ta' Gunju fil Med.Conf.Center.

6.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2677/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li min jixtieq jattendi ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/2678/08/I** 09/06/2008 Ittra mis-Sur Victor Camillieri Head Coach Pembroke Athleta Sports Club rigward diversi punti li qajjem ghall-attenzjoni tal-Kunsill, fosthom Girja f'Pembroke Day; Pembroke Local Council Athletics School Sub Committee members; uzu ta' facilitajiet Kullegg Santa Klara; Athletics Summer School.

6.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2678/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2685/08/I** 09/06/2008 Lista ta' mistoqsijiet li s-Sindku ser ikun qed jistaqsi bhala Chairman ta' l-intervisti lill-iskrivani.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2685/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2689/08/I** 09/06/2008 Lista ta' gonna pubblici li jaqghu taht Pembroke biex isir studju ghall-installazzjoni ta' WI-FI.

6.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2689/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jnizzel ukoll il-Gnien li hemm f'San Patrizju.

**46/2693/08/I** 09/06/2008 E-mail indirizzata lis-Sindku mill-Engineer Ronald Pace WSC rigward ic-caqlieq tal-meters ta' l-ilma fid-djar ta' San Patrizju.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2693/08/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal l-akkumpanjaw lill-Engineer Pace kien hemm huwa u l-Kunsillier Joe Brincat. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li ssir laqgha ghar-residenti nvoluti sabiex jigi spjegat lilhom ix-xoghol li hemm bzonn isir.

6.84. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma kellux kummenti.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma kellux kummenti.

## 09. Programm Jum Pembroke 2008.

9.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jipprezenta l-programm propost ghall-Jum Pembroke. **(Ara Dokument G, H u I)**

9.02. Wara diskussjoni li saret il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-programm jigi approvat kif pprezentat ukoll li ghall-catering jingabru kwotazzjonijiet minghand Dolceria Fred Buongusto, James Catering u La Pattiserrie. Rigward decizjonijiet li kienu ttiehdu fil-laqghat precedenti dwar attivita' ghall-anzjani fejn tigi mnedija l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn l-anzjani kollha jigu mhegga jippartecipaw il-kelliem ippropona li ghandha tithalla ghal data ohra. Il-kelliem ippropona wkoll li ghall-kiri ta' palk, dawl, sound u kiri ta' siggijiet jintuzaw l-istess kumpaniji tas-sena li ghaddiet, li jitqabbad is-sur Joe Demicoli u Elvis ta' Pembroke sabiex jallegraw lin-nies flimkien ma' 3 persuni ohra li ghad iridu jigu kkonfermati, li l-kotba ghat-tfal tas-sitt sena jinxtraw minghand Wise Owl u li l-mementos li ser jigu pprezentati jinxtraw minghand Horace Enterprises. Il-kelliem ippropona wkoll li jitqabbad is-sur Eddie Ellul sabiex jiprovdi u jahraq kaxxa Roman Candles.

9.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara Dokument J, K u L)**

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC ta' Sit B kif ukoll tal-Kors E-Tfal ta' TCTC u dan minhabba li l-Kunsill ghadu ma jafx kemm ser ikunu applikaw tfal.

10.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena.

10.05. Il-pagamenti gew approvati kif proposti.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm mhux prezenti l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet issuggerit li tinkiteb ittra lill-WasteServ sabiex ladarba l-iskart riciklat li qed jingabar, eventwalment qed jinbiegh, ikun ghaqli li r-residenti jibqghu jinghataw il-boroz ta' l-iskart minghajr hlas u mhux ikollhom jixtruhom ghas-spejjez taghhom.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropna li l-Kunsill jilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

11.03. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsilliera prezenti li kien hemm suggerimenti mill-membri tal-Kunsill sabiex ikun hemm tibdil fil-hinijiet tal-laqghat tal-Kunsill.

11.06. Il-membri tal-Kunsill prezenti qablu li ghalissa l-hinijiet tal-laqghat tal-Kunsill ghandhom jibqghu kif deciz precedentament jigifieri fil-5.45 pm.

11.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jidher li l-Korporazzjoni Enemalta jidher li qed tahseb bis-serjeta' sabiex biswit il-Ground tal-Melita jew fil-vicin jinbena impjant tad-dawl liema impjant ser ikun qed jircievi cable tad-

distribuzzjoni minn Sqallija li eventwalment dan ser jiddistribwixxi d-dawl f'partijiet ta' Malta. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill sabiex jahseb jekk dan jaghmilx sens li dan l-impjant ikun fil-lokal u mhux f'xi post fil-vicin bhal Maghtab li diga huwa post disturbat.

11.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa jaqbel mal-hsibijiet li ressaq is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u ghalhekk il-Kunsill ghandu minn issa joggezzjona ghal xi proposta simili ghalkemm qal li jkun ghaqli li dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss fil-prezenza tal-membri kollha tal-Kunsill.

11.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Kunill Lokali San Giljan sabiex iwahhal l-isem ta' Triq Emanuel Decelis.

11.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.12. Il-Vici Sinkdu Alfred Mazzitelli ppropona li wara li l-Korporazzjoni Enemalta nehhiet arbli li kien hemm fi Triq Burma jsir patching bil-hot tarmak u manutenzjoni tal-bankina kif ukoll li l-Kunsill jikteb lill-ADT sabiex tispezzjona t-tarmak li hemm u dan minhabba l-fatt li madwar l-arblu t-tarmak jinsab fi stadju hazin. Il-kelliem talab li jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll kemm il-darba ma jkunx hemm rispons mill-ADT il-Kunsill ghandu jesplora l-possibilita' li jaghmel testijiet tat-tarmak li kien sar mill-ADT.

11.13. . Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.15. Il-Kunsillier Joe Brincat fakkar li f'St. Patricks hemm skip tal-Bring in Sit li hija miksura, li Skip on Wheels fi Triq Suffolk kienet inharqet minn xi vandali u li dawn ghadhom ma gewx mibdula.

11.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu sar rapport lill-kuntratturi rispettivi u ghandha tittiehed azzjoni.

11.17. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li jitnaddaf is-sit li hemm bejn il-Judo u Sprachcaffe minhabba li hemm hafna skart kif ukoll li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward it-telqa li hemm fejn hemm il-kmamar fis-sit li hemm bejn Triq Cassino, Triq Camillo Sciberras u Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.

11.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li llum l-Erbgha 11 ta' Gunju l-Onor. Prim Ministru Dr. L. Gonzi u l-Onor. Ministru ghall-Edukazzjoni, Zghazagh, Kultura u Sports D. Cristina kienu zaru l-progett tal-bini ta' l-iskola primarja l-Gdida. Fid-Dawl ta' dan il-kelliem ippropona li tinkiteb itrra lill-Onor. Prim Ministru fejn il-Kunsill juri d-dispjacir tieghu li ma kienx infurmat b'din iz-zjara ufficjali wisq aktar mistieden wara li kien il-Kunsill Lokali Pembroke li kien il-promotur l'ilu jitlob u jinsisti snin twal sabiex tinbena skola gdida fil-lokal.

11.19. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jekk il-Kunsill kienx ircieva kummenti minghand ir-residenti ta' Triq Medjez dwar il-proposta tal-Kunsillli ssir One Way.

11.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill ma kien ircieva ebda rispons la pozittiv u lanqas negattiv.

11.23. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lill-ADT li ma kien ebda oggezzjoni mir-residenti ladarba dawn m'oggezzjonawx ghall-ittra tal-Kunsill.

11.24. Il-laqgha ntemmet fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju 2008 fil-5.45 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**